MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-31 ta' Awwissu, 2013

Numru. 463/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Herman Mula)**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**DAVID SCICLUNA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **DAVID SCICLUNA,** ta’ disgha u ghoxrin (29) sena, bin Victor u Salvina nee’ Baldacchino, imwieled Pieta’ fil-25 ta’ Ġunju 1984, residenti f’Nru. 3, Triq ir-Rand, Sta. Lucia u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 322584M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, nhar it-30 t' Awwissu 2013 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin, Paola kif ukoll f'diversi postijiet diversi madwar Malta;

1) Assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer sabiex jbiegħ jew jitraffika f'dawn il-gzejjer mediċina (h*erojina*), bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assoċjazzjoni

2) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga herojina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-uzu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenza mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga.

3) Kellu fil-pussess tiegħu id-droga herojina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti

msemmija, liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tiegħu

4) Kellu fil-pussess tiegħu id-droga methadone speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tiegħu

5) U aktar talli bħala persuna li mhux impjegata fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, mingħajr l-awtorità leġittima, daħħal jew ipprova jdaħħal f'xi parti tal-konfini ta' Ħabs xi oġġett, ikun li jkun, li huma pprojbiti skond xi regolamenti magħmula skond dan l-Att, jew ġarr jew ipprova jġorr xi oġġett bħal dawk barra minn xi ħabs.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali il-flejjez u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu imissu lill-akkuzati jew huma proprjeta' taghhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli; u dan ai termini ta' l-artikolu 22A ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u ta' l-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti u cioe' stqarrija tal-imputat – Dok CSH, conviction sheet – Dok CSH1, personal details tal-imputat - Dok CSH2, fiat mill-Avukat Generali mahrug ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 – Dok CSH3, u kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 – Dok CSH4.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ewwel opportunita' moghtija lilu llum wiehed u tletin (31) ta' Awwissu 2013 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal- wiehed u tletin (31) ta' Awwissu 2013.

Invista ta' tali ammissjoni, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi.

Il-Qorti semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi l-imputat ikkoopera bi shih maghha tul din l-investigazzjoni u ghalhekk fil-fehma taghha hu ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lid-difiza tiddikjara li l-imputat ibghati mill-kundizzjoni tal-bi-polar u il-Prosekuzzjoni ma kinitx qed tikkontesta dan il-fatt.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li ai fini ta' din il-kawza kien hemm ukoll inkjesta magisterjali fejn gew nominati xi esperti.

Stante l-ammissjoni tal-imputat, il-Prosekuzzjoni iddikjarat li ma kinitx qed tinsisti fuq it-talba taghha maghmula minnha ai termini tal-Artikolu 22A tal-Kapitolu 101 u 23A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u b'mod partikolari il-Prosekuzzjoni tghid li din hija akkuza serja ghalkemm l-ammont ta' droga misjuba fil-vann misjuq mill-imputat kien zghir u dan ghaliex ma kienx jeccedi gramma.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tghid li ghalkemm ir-reati moghtija fil-konfront tal-imputat huma ta' natura serja hafna, l-imputat ikkoopera hafna mal-Prosekuzzjoni tant li svela s-sors minn fejn xtara d-droga kif ukoll isem il-persuna ghal min kienet destinata d-droga.

Rat il-fedina penali ta' l-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat diga' kiser dufrejgh mal-ligi fil-passat u dan in konnessjoni ma' akkuzi relatati mad-droga u ma gharafx jisfrutta ruhu mill-opportunitajiet moghtija lilu u ghalhekk din id-darba il-Qorti trid turi id kiefra sabiex forsi l-imputat jitghallem mill-izbalji tieghu.

Rat l-istqarrija rrilaxxjata minnu minn fejn jirrizulta li din kienet okkazzjoni ta' darba wara li sar jaf lil dan il-malvivent ricentement gewwa il-habs. Rat ukoll li l-imputat iddispjacih hafna ta' dak li ghamel u ghalkemm kien jaf li kellu kaz difficli quddiemu, dan nonostante ghazel li jikkoopera mal-Pulizija. Qieset ukoll il-fatt li l-imputat ammetta l-akkuzi moghtija fil-konfront tieghu fl-ewwel opportunita' li giet moghtija lilu u cioe' mal-prezentata.

Il-Qorti ghalhekk qieset dak kollu li gie rilevat mill-partijiet u in vista tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija supra, tiddeciedi li timponi piena karcerarja u dan mhux fil-minimu taghha stante li d-droga ghalkemm f'ammont zghir giet mehuda fil-konfini tal-habs u ghalhekk m'hemmx dubbju li tali agir jagrava r- reat per se.
Il-Qorti rat li r-reati ta' pussess u traffikar ta' droga fil-habs qed jawmentaw u ghalhekk m'hemmx dubbju li din il-Qorti ghandha tindirizza tali xenarju billi taghti messagg lis-socjeta' li tali reati mhux ser jigu tollerati u li min jinqabad jittraffika d-droga fil-habs sejjer jigi trattat b'mod kiefer.

**Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 8 u 22(1)(d)(f) tal-Kapitolu 101, l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta' Malta u (G.N.**

**292/1939), tiddikjara li ssib lill-imputat DAVID SCICLUNA hati ta’ l-akkuzi u tikkundannah tmintax-il xahar prigunerija effettivi.**

**Oltre dan tikkundannah ihallas multa ta’ elf ewro (€1,000). Ai termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed taghti zmien sitt xhur sabiex l- imputat ihallas din il-multa inflitta.**

**Il-Qorti rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez involuti fl-atti tal-inkjesta pero’ rat li l-inkjesta ma gietx epprezentata f’dawn l-atti u ghalhekk mhix ser tiehu konjizzjoni taghha.**

**Rat ukoll li l-Prosekuzzjoni ma kinitx qed tinsisti fuq it-talba taghha ai termini ta’ l-Artikolu 22A ta’ l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ta’ l-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------